MG 272/2019

Cirkulari Nru. HR/MG 20/2019

Fergħa tar-Riżorsi Umani

Direttorat tas-Servizzi Korporattivi

Ministeru għal Għawdex

Pjazza San Franġisk

Rabat, Għawdex

Malta

Data: 20 ta' Settembru, 2019

Lis-Segretarji Permanenti
Lid-Diretturi Ġenerali
Lid-Diretturi
Lill-Kapijiet ta' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku

**POST TA' SENIOR PUBLIC CLEANSING FOREMAN FIL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għal Għawdex jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Senior Public Cleansing Foreman fil-Ministeru għal Għawdex.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1. Din il-ħatra hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur .

2.2. Is-salarju ta' Senior Public Cleansing Foreman huwa ta' Skala ta' Salarju 11, li fis-sena 2019 huwa ta' €18,743 fis-sena, li jiżdied b'€375.17 fis-sena sa massimu ta' €20,994 .

2.3. Persuna fil-grad ta' Senior Public Cleansing Foreman titla' fi Skala 10 (li fis-sena 2019 huwa €19,958 x €407.67 - €22,404 ) wara ħames (5) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4. Il-persuna nnominata tkun intitolata għall-benefiċċji oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern ta' Malta u l-Unions kompetenti.

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Senior Public Cleansing Foreman fil-Ministeru għal Għawdex jinkludu:

(a) responsabbli għat-tmexxija tas-sezzjoni tiegħu/tagħha;

(b) responsabbli mit-tqassim tal-ħaddiema tiegħu/tagħha bl-aħjar mod possibli;

(c) responsabbli mill-infurzar tal-proċeduri tad-dixxiplina, puntwalita' u saħħa u sigurta' tal-ħaddiema kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tiegħu/tagħha;

(d) tmexxija u mmaniġġjar tal-Public Cleansing Foremen, Supervisor u l-ħaddiema kollha taħt ir-responsabbilita' tiegħu/tagħha;

(e) tassisti lis-superjuri u lis-Senior Management tad-Direttorat fid-dmirijiet reletati mat-tindif pubbliku;

(f) responsabbli għall-ħruġ ta' materjal mill-imħażen lill-ħaddiema taħt ir-responsabbilita' tiegħu/tagħha;

(g) ko-ordinament ta' spezzjonijiet regolari fuq lantijiet tax-xogħol sabiex tassigura li xogħolijiet u proġetti assenjati jitlestew fl-iqsar żmien possibli waqt li tiġi assigurata l-aħjar kwalita` ta' xogħol;

(h) ko-ordinament ma' Direttorati u ma' sezzjonijiet oħra fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, kif ukoll ma' Dipartiment u entitajiet oħra tal-gvern;

(i) assistenza fit-tnedija ta' inizjattivi ġodda li jkun hemm bżonn jittieħdu mid-Direttorat jew sezzjonijiet oħra fil-Ministeru għal Għawdex;

(j) tassigura li t-tindif ġenerali u t-tindif tal-bajjiet taħt is-superviżjoni tiegħu/tagħha jsiru skont l-istandards stabbiliti mis-Senior Management;

(k) tagħmel użu minn sistemi tal-informatika kif stabbiliti mil-Ministeru għal Għawdex;

(l) twettaq dmirijiet oħra kif meħtieġa mid-Direttur u/jew rappreżentanti tiegħu/tagħha;

(m) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Rekwiziti tal-eligibbilta'**

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma mislufin/detailed/deployed /attached ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku li huma fil-grad ta' Public Cleansing Foreman.

4.2. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbilta' għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.3. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.2 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.4. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-*MQRIC*, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

4.5. Uffiċjali Pubbliċi li jgħixu Għawdex iżda li jaħdmu Malta, u li għandhom grad sustantiv bħal ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, jistgħu japplikaw lateralment. F'każ li jintagħżlu, dawn l-Uffiċjali Pubbliċi jiġu trasferiti għall-Ministeru għal Għawdex, u jżommu l-grad u s-salarju tagħhom. Huwa kkjarifikat li dawn il-kandidati ma jingħatawx marki addizzjonali fil-proċess tal-għażla għall-pussess ta' kwalifiċi li huma rekwiżiti tal-eliġibilita' skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

**Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recuritment.gov.mt. L-applikant irid jiġi infurmat li hemm xi dokumenti nieqsa immedjatament wara d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet u jigi mgħarraf li konsegwentement l-applikazzjoni tiegħu ma tistax tiġi kkunsidrata aktar, sakemm l-applikant ma jipprovdix raġunijiet validi,li jissodisfaw lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, għalfejn tali dokumenti huma nieqsa jew se jiġu sottomessi tard. Tali ġustifikazzjoni trid tintbagħat lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fuq psc@gov.mt fi żmien ħamest ijiem mid-data tan-notifika msemmija aktar kmieni f'dan il-paragrafu.

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proceduri tal-ghazla**

6.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija mija fil-mija (100%) u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ħamsin fil-mija (50%).

6.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 - 4.2, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

7. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni ta' tad-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, permezz tar-Recruitment Portal biss f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat, f'format pdf, li għandhom ikunu uploaded permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **nofsinhar** (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar **il-Ġimgħa, 4 ta' Ottubru 2019**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

**Provvedimenti generali ohra**

8. Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

• benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
• bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita';
• sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
• pubblikazzjoni tar-riżultat
• proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
• aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati ;
• żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx jew jinkisbu mill-Fergħa tar-Riżorsi Umani fid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għal Għawdex, Pjazza Sa Franġisk, Rabat, Għawdex. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Divizjoni/Direttorat huma http://mgoz.gov.mt/en/Pages/Employment%20Opportunities/Calls.aspx u dcs.mgoz@gov.mt.

John Borg
Segretarju Permanenti
Ministeru għal Għawdex

ig